14 ta' Ġunju, 1949.

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Carmelo Abdilla *versus* Prof. Joseph Anastasi Pace ne.

**War Damage Commission — Azzjoni — Interess.**

*Il-Kummissjoni għall-Ħsarat tal-Gwerra għandha "a quasi judicial discretion"; u d-deċiżjonijiet tagħha ma humiex sindakabili mit-tribunali ħlief fil-każijiet stabbiliti mill-liġi, u ħlief, għar-rigward tal-proċedura segwita mill-Kummissjoni f'każ partikulari, sabiex it-tribunali jeżaminaw jekk il-Kummissjoni tkunx ipproċediet skond il-prinċipji tal-ġustizzja naturali.*

*Huwa veru li kulħadd għandu d-dritt jitlob lill-Qorti, bi spejjeż tiegħu, il-konstatazzjoni ta' dritt anki qabel ma jkun hemm lok għall-eżerċizzju tiegħu; imma fl-istess ħin hemm bżonn li dak id-dritt ikun jista' jiġi dedott fil-futur, avvolja fl-eżerċizzju tiegħu jkun jiddependi minn xi kondizzjoni. Diversament it-talba għall-konstatazzjoni ta' dak id-dritt ma jkollhiex oġġett materjali.*

*Jekk it-talba ma jkollhiex oġġett materjali, jew ikollha bħala oġġett xi dritt li ma jkunx jista' jiġi eżerċitat, jiġi li l-azzjoni hija nieqsa minn dak l-interess li għandu ikollu l-attur biex jaġixxi; u għalhekk dik it-talba ma tiġix konoxxuta mill-Qrati.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi in konnessjoni ma' "claim" tiegħu nru. 20912/1327/44 dwar ħsarat tal-gwerra riportati fil-fondi nri. 10A, u 11, St. Mary's Street, Ħal Luqa, huwa, b'ittra tad-29 ta' Marzu 1948, spedita għan-nom tiegħu mill-Inġinier Alberto E. Vassallo, bagħat lill-konvenut nomine tliet kontijiet ammontanti flimkien għal £313. 12. 0, relativi għal xogħlijiet ta' riparazzjoni magħmula skond "schedule of works" debitament approvata mill-Kummissjoni għall-ħsarat tal-gwerra; u illi b'ittra tat-30 ta' April 1948 il-konvenut nomine infurmah li l-kontijiet in kwistjoni ma kienux sejrin jiġu meħuda in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni ta' l-indennizz għall-ħsara li sofrew il-fondi predetti; talab li jiġi dikjarat u deċiż li, oltre spejjeż oħra ta' riparazzjoni fil-fondi predetti, li diġà ġew approvati mill-Kummissjoni fuq imsemmija, huwa għamel fil-fondi fuq riferiti spejjeż oħra ta' riparazzjoni tal-ħsara tal-gwerra, u ammontanti għal £313. 12. 0, kif speċifikati fil-kontijiet ta' l-Inġinier A.E. Vassallo, A.I.C., ġà pre-

żentati quddiem il-Kummissjoni fuq imsemmija; u għall-aċċertament ta' dawn l-ispejjeż jiġi, għal bżonn, nominat perit minn dina l-Qorti. B'riżerva ta' eċċezzjonijiet oħra u bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi kif sewwa rrileva l-konvenut nomine, il-"War Damage Commission" għandha "a quasi-judicial discretion", u d-deċiżjonijiet tagħha ma humiex sindakabili mit-tribunali ħlief fil-każijiet espressament stabbiliti mil-liġi u ħlief, għar-rigward tal-proċedura segwita mill-Kummissjoni f'każ partikulari, biex it-tribunali jeżaminaw jekk dik il-Kummissjoni tkunx ipproċediet skond il-prinċipji tal-ġustizzja naturali;

Illi l-attur mhux qiegħed jattakka l-proċedura segwita mill-Kummissjoni fil-każ partikulari tiegħu msemmi fl-att taċ-ċitazzjoni, u lanqas ma qiegħed jinvoka każ stabbilit mil-liġi fejn id-deċiżjoni tal-Kummissjoni hija sindakabili mill-Qrati;

Illi għalhekk it-talba tiegħu ma tistax tiġi milqugħa, jekk l-obbjett materjali tagħha, jiġifieri tad-dikjarazzjoni li l-attur irid jottjeni b'dan il-ġudizzju, hu li jitħallas mill-Kummissjoni ta' l-import tat-tliet kontijiet imsemmijin fl-att taċ-ċitazzjoni, ossija — dak li hu l-istess — li l-Kummissjoni tieħu dawk it-tliet kontijiet in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni ta' l-indennizz għall-ħsara li l-attur sofra fil-fondi indikati fl-istess att taċ-ċitazzjoni;

Illi del resto, l-istess attur wera li dan huwa jirrikonoxxieh; għaliex waqt it-trattazzjoni tal-kawża huwa rrileva li ma talabx li jiġi dikjarat li l-kontijiet fuq indikati għandhom jittieħdu *in konsiderazzjoni* fil-likwidazzjoni ta' l-indennizz fuq imsemmi, imma li hu talab biss dikjarazzjoni fis-sens illi, oltre l-ispejjeż l-oħra ta' riparazzjonijiet fl-istess fondi predetti li diġà ġew approvati mill-Kummissjoni, huwa għamel fl-istess fondi spejjeż oħra ta' riparazzjonijiet dovuti għal ħsarat tal-gwerra, u preċiżament dawk speċifikati fil-kontijiet fuq indikati. L-attur sostna li għandu dritt għal dik id-dikjarazzjoni u għall-aċċertament ta' dawk l-ispejjeż, għaliex għall-propożizzjoni ta' domanda ġudizzjali, u għalhekk għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni, mhux strettament neċessarju li wieħed jirreklama, kif igħid Mattirolo, li hu iċċita, "la restaurazione

di un diritto stato violato o disconosciuto; basta che vi sia pericolo o minaccia grave di una futura violazione, perchè il titolare del diritto abbia legittima facoltà di premunirsi, ricorrendo al giudice";

Tikkunsidra;

Illi dak li għallem il-Mattirolo ma ġiex poġġut f'dubju, u t-tribunali tagħna dejjem irrikonoxxew li kulħadd għandu d-dritt jitlob, a spejjeż tiegħu naturalment, il-konstatazzjoni ta' dritt anki qabel ma jkun hemm lok għall-eżerċizzju tiegħu — il-konstatazzjoni ta' dritt li, għalkemm attwalment mhux deduċibili "in esercizio", iżda jkun deduċibili "in futuro", avvolja l-eżerċizzju ta' dak id-dritt ikun jiddependi minn xi kondizzjoni (Koll. Vol. V, pag. 203; Vol. X, pag. 829; Vol. XVII — II — 50 — ġurisprudenza ċitata mill-istess attur);

Illi però, il-każ in eżami mhux każ ta' konstatazzjoni ta' dritt qabel iż-żmien ta' l-eżerċizzju tiegħu. L-attur, kif wieħed faċilment jista' jara, mhux qiegħed minn issa jitlob sempliċi dikjarazzjoni ta' l-eżistenza ta' dritt tiegħu li għal issa ma jistax jiddeduċi għall-eżerċizzju tiegħu, imma li jkun jista' jiddeduċi għal hekk aktar 'il quddiem. Il-każ in eżami, jekk l-obbjett materjali tad-dikjarazzjoni mitluba mill-attur mhux dak li l-Kummissjoni tieħu in konsiderazzjoni t-tliet kontijiet fuq indikati fil-likwidazzjoni ta' l-indennizz tal-ħsarat li l-attur sofra fil-fondi fuq indikati, sabiex hu jkun jista' jitħallas ukoll ta' dawk it-tliet kontijiet, il-każ preżenti huwa allura każ ta' dikjarazzjoni ġudizzjarja mingħajr obbjett materjali; u kif ġie affermat minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Frar 1942 in re "Professur Giulio Cortis vs. Maġġur Walter Bonello nomine", u tat-23 ta' Frar 1921 in re "Grima vs. Muscat" (Kollez. Vol. XXIV — II — 484), id-dikjarazzjonijiet puri, mingħajr obbjett materjali, jirrendu ineffikaċi d-deċiżjoni illi tiġi pronunzjata fuqhom, għaliex dik id-deċiżjoni ma tistax tiġi eżegwita, appuntu għaliex nieqsa minn obbjett materjali. Inoltri, jekk f'dan il-każ l-interess ta' l-attur għall-propożizzjoni tat-talba kontra l-konvenut nomine mhux dak fuq imsemmi, allura l-attur ma għandux interess, ossija motiv konkret sussistenti "di fronti" għall-konvenut nomine; u allura l-attur ma jistax jipproponi t-talba

kontra l-konvenut nomine, billi, kif affermat il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re fil-kawża "Brockdorff vs. Pace Balzan" (Kollez. Vol. XVII — III — 15), hija ħaġa notissima illi, biex wieħed jipproponi domanda ġudizzjali, għandu jkollu interess fit-talba, u dak l-interess, ossija motiv tat-talba, għandu jkun konkret u jissussisti di fronti għal min kontra tiegħu t-talba tkun ġiet proposta;

Għal dawn il-motivi;

Tilliberat il-konvenut nomine mill-osservanza tal-ġudizzju, u tikkundanna lill-attur għall-ħlas ta' l-ispejjeż.

---